**Aqra din l-istorja u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

**Il-Belliegħa**

Lili żgur smajtu bija xi darba. Jiena ngħix ġol-bjar u l-ġwiebi. La għandi jdejn u lanqas saqajn. Għandi biss ras goffa u ħalq kbir bla snien dejjem miftuħ beraħ. Taħsbux li se tarawni jekk jiftlilkom tiftħu l-għatu tal-bir. Jiena ma nidhirx. Imma hemm inkun: moħbija ġod-dalma taħt l-ilma lesta biex nibla' kull ma nara. Kull kelma li tlissnu ġewwa l-bir jiena ngħidha warajkom biex nurikom li tassew ninsab hemm. **(Para. 1)**

L-aktar li kont nieħu gost kien meta jiftħu l-għatu u jwaddbu l-barmil biex jimlew l-ilma. Tgħidx xi storbju nagħmel, kemm inċaflas u nbaqbaq u nċarċar. Il-bramel inħobbhom wisq! Kelli kollezzjoni sħiħa ġol-bir. Kull meta jixħtu l-ħabel kont niddendel ftit miegħu biex **nherrih** bil-mod il-mod. Li kieku kellu s-snien kont ingerrmu imma billi snien m'g**ħandix,** ikolli noqgħod nistenna bis-sabar kollu sa ma l-ħabel jitmermer. Meta jasal il-waqt nagħtih ġibda b'saħħti kollha u naqtgħu. U b'hekk inkun żidt barmil ieħor ma' dawk imġemmgħin. Kelli anki żewġ ġarar tal-fuħħar, bomblu u qasrija bix-xitla b'kollox, li darba kienu poġġewha f'xifer il-ħerża u blajthielhom. **(Para. 2)**

It-tfal żgħar kollha jitwerwru minni. U jagħmlu sew! Għax jekk narahom jixxabbtu lejn il-bir tiegħi jkolli niblagħhom...irrid jew ma rridx. Dak hu xogħli. Darba blajt tifel ta' seba' snin u li kieku ma xeħtulux ħabel oħxon minnufih żgur kont inpoġġih mal-kollezzjoni tal-bramel u l-ġarar u l-qasrija bix-xitla mmermra. Jaqblikom iżżommu 'l bogħod minni. **(Para. 3)**

Nannti kienet tirrakkuntali stejjer tal-għaġeb! F'dan il-bir, żmien twil ilu, kellna teżori kbar. Mhux bramel u ġarar, imma boroż kbar tal-ġilda mimlijin liri tad-deheb. In-nanna kienet tgħid li kien ħbiehom wieħed sinjur mijiet ta' snin ilu. Iżda qabel ma twelidt jien kienu ġew xi nies u battlu l-bir kollu mill-ilma. Nannti kellha toħroġ **baxx baxx** matul il-lejl u tmur tistaħba fl-għelieqi tal-qrib sakemm

il-bir jerġa' jimtela. In-nies damu ġimgħa sħiħa jaħdmu fil-bir (u n-Nanna tgħid li kienet **għoddha mietet bil-għatx** imgeddsa ġo bajtra tax-xewk). Wara ġimgħa ġabu ħafna tankijiet bl-ilma u mlew il-bir mill-ġdid. In-nanna ħadet ir-ruħ u bil-lejl reġgħet lura **ferħana se ttir** lejn il-bir tagħha. Imma t-teżori kienu **għebu**. Il-bir kien ibikkik għax issa kien kollu ilma nadif u ċar. Tgħidx kemm kienet tolfoq in-nanna kull meta tiftakar fil-ġrajja. Kienet tgħidli, "Bir bħal dak ħlewh! Ġabuh iqażżek bl-indafa!" **(Para. 4)**

Iżda min jaf x'kienet tgħid in-Nanna Belliegħa li kieku kellha tara x'qed insofri jien daż-żmien! Il-bir inaddfuh kważi kull sena... u issa madwarna kollu nbena u m'għandix għelieqi fejn nistaħba. Imn'alla l-Belliegħa ta' ħdejna tħenn għalija u tikrini jumejn magħha. Imbagħad biex tgħaqqad, il-bir ma jinfetaħ qatt aktar matul is-sena. Għandhom pompa bil-mutur, iniżżlu biċċa pajp twil u meta jridu l-ilma, il-pompa tibda ddur. Ma ngħidilkomx x'ħoss tal-ġenn tagħmel! Billi jiena rasi goffa, il-ħoss nisimgħu aktar qawwi u sirt inbati ħafna bl-uġigħ ta' ras. U jien ras biss għandi...għalhekk meta ngħidilkom li jkolli uġigħ ta' ras ikun ifisser li jkun qiegħed juġagħni ġismi kollu. Dak iż-żerżir ma jaqta' xejn inħossu jifnini.

**(Para. 5)**

*(Silta addattata mill-ktieb, "Tlieta f'Wieħed," ta' Trevor Żahra, 1994)*